32004D0288

L 91/58 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 30.3.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Marzu 2004

li tagħti lill-Awstralja u lin-*New Zealand* adeżjoni temporanja għar-riżervi tal-Komunità ta' antiġeni tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 967)

(Test b'relevanza għall-EE)

(2004/288/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 fuq miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tħassar id-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjoni 89/531/KEE u 91/665/KEE u li temenda d-Direttiva 92/46/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 83(3) fiha msemmi,

Billi:

(1) Bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 91/666/KEE tal-11 ta' Diċembru 1991 li tistabbilixxi riżervi Komunitarji ta' tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer [2], ħażniet ta' antiġeni għall-formulazzjoni espresso f'tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ġew stabbiliti.

(2) Sakemm jitlestew l-arranġamenti proprji tagħhom għal riżervi ta' antiġeni tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, l-Awstralja u n-*New Zealand* talbu assistenza temporanja mill-Komunità f'każ li jibda jsir tilqim ta' emerġenza biex tkun ikkontrollata tifqigħa possibbli tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.

(3) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Awstralja u ta' *New Zealand* ipprevedew informazzjoni fuq l-istima ta' riskju tagħhom u stima tal-kwantitajiet u s-sotto tipi ta' antiġeni mitluba fil-qafas tal-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom.

(4) Skond l-istima tat-talba magħmula mill-awtoritajiet ta' l-Awstralja u ta' *New Zealand* u b'konsiderazzjoni tal-kapaċita' u d-disponibbiltà tal-kwantitajiet u s-sotto tipi ta' antiġeni li hemm fir-riżervi ta' antiġeni Komunitarji, jidher li l-assistenza mitluba tkun tista' tingħata mingħajr ma' jkunu kompromessi bla bżonn l-arranġamenti ta' kontinġenza tal-Komunità.

(5) L-Awstralja u *New Zealand* għandhom jingħataw adeżjoni temporanja għar-riżervi ta' antiġeni tal-Komunità bla ħsara skond ċerti kondizzjonijiet.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-*Food Chain* u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Awstralja u *New Zealand* ingħataw adeżjoni temporanja għar-riżervi ta' antiġeni tal-Komunità għall-formulazzjoni ta' tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer skond il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. għandu jingħata aċċess sal-31 ta' Diċembru 2004, billi jitfasslu drittijiet għal kull wieħed miż-żewġ pajjiżi konċernati għal massimu ta' 500000 doża ekwilvalenti ta' tilqim għall-bhejjem u f'kull każ għaż-żewġ pajjiżi flimkien mhux iktar minn 50 % tal-ħażniet eżistenti ta' kull wieħed mill-antiġeni fir-riżervi tal-Komunità;

2. skond l-ispeċifikazzjoni fit-talba miktuba mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Awstralja u *New Zealand*, il-Kummissjoni għandha tirranġa mill-ewwel għall-formulazzjoni urġenti jew immedjata ta' l-antiġeni xierqa u l-prodotti, l-ibbottiljar, it-tikkettjar u t-tqassim tat-tilqim skond it-termini ta' kuntratti eżistenti konklużi bejnha u l-fabbrikant;

3. il-Kummissjoni għandha tagħmel arranġamenti sabiex tassigura li fl-eventwalità msemmija fil-paragrafu 2 l-ispejjeż għall-azzjonijiet li ġejjin jinġarru fi proporzjonijiet xierqa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Awstralja jew *New Zealand*, skond min ikun talab il-formulazzjoni f'tilqim ta' antiġeni li jeżistu fir-riżervi tal-Komunità':

   (a) it-trasferiment ta' l-antiġeni mill-post tal-ħażna għall-istabbiliment tal-fabbrikant;

   (b) il-formulazzjoni u prodotti tat-tilqim, inkluż xi testjar addizzjonali li jista' jirriżulta neċessarju;

   (ċ) l-ibbottiljar u t-tikkettjar tat-tilqim u t-trasport tagħhom fil-post tat-tqassim indikat;

   (d) it-tqegħid mill-ġdid bla dewmien għal kwalunkwe kwantità użata ta' antiġen minn antiġeni ta' mill-inqas l-istess kwalità u oriġini.

[1] ĠU L 306, tat-22.11.3, pġ. 1.
[2] ĠU L 368, tal-31.12.1991, pġ. 21. Deċiżjoni kif ġiet l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru. 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, pġ. 36).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni